

Il-Ħames Awla, komposta minn tliet imħallfin:

M. Vilaras, President ta' l-Awla;

M. Prek, imħallef;

V. Ciucă, imħallef.

Is-Sitt Awla Estiża, komposta minn ħames imħallfin:

A. Meij, President ta' l-Awla, V. Vadapalas, M. Prek, T. Tchipev u V. Ciucă, imħallfin.

Is-Sitt Awla, komposta minn tliet imħallfin:

A. Meij, President ta' l-Awla;

V. Vadapalas, imħallef;

T. Tchipev, imħallef.

Is-Seba' Awla Estiża, komposta minn ħames imħallfin:

N. J. Forwood, President ta' l-Awla, D. Šváby, S. S. Papasavvas, E. Moavero Milanesi, N. Wahl, A. Dittrich u L. Truchot, imħallfin.

Is-Seba' Awla, komposta minn tliet imħallfin:

N. J. Forwood, President ta' l-Awla;

a) D. Šváby u E. Moavero Milanesi, imħallfin.

b) D. Šváby u L. Truchot, imħallfin.

c) E. Moavero Milanesi u L. Truchot, imħallfin.

It-Tmien Awla Estiża, komposta minn ħames imħallfin:

M. E. Martins Ribeiro, President ta' l-Awla, D. Šváby, S. S. Papasavvas, E. Moavero Milanesi, N. Wahl, A. Dittrich u L. Truchot, imħallfin.

It-Tmien Awla, komposta minn tliet imħallfin:

M. E. Martins Ribeiro, President ta' l-Awla;

a) S. S. Papasavvas u N. Wahl, imħallfin.

b) S. S. Papasavvas u A. Dittrich, imħallfin.

c) N. Wahl u A. Dittrich, imħallfin.

Fis-Seba' u t-Tmien Awli Estiżi komposti minn ħames imħallfin, l-imħallfin li jippresjedu mal-President ta' l-Awla sabiex jintlaħaq il-kulleġġ ta' ħames imħallfin huma t-tliet imħallfin tal-kulleġġ li lilu tkun ġiet assenjata inizjalment il-kawża, ir-raba' mħallef ta' din l-awla u mħallef ta' l-awla l-oħra komposta minn erba' mħallfin. Dan ta' l-aħħar, li ma jistax ikun il-President ta' l-Awla, jinħatar għal sena skond lista fl-ordni previst mill-Artikolu 6 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza.

Fis-Seba' u t-Tmien Awli komposti minn tliet imħallfin, il-President ta' l-Awla jippresjedi suċċessivament ma' l-imħallfin imsemjati fil-paragrafu (a), (b) jew (c), skond il-kulleġġ li għalih jappartjeni l-imħallef relatur. Għall-kawżi li fihom il-President ta' l-Awla ikun l-imħallef relatur, il-President ta' l-Awla jippresjedi ma' l-imħallfin ta' kull wieħed minn dawn il-kulleġġi li jalternaw fl-ordni ta' reġistrazzjoni tal-kawżi, bla ħsara għall-kawżi konnessi.

Kompożizzjoni ta' l-Awla Manja

(2007/C 269/71)

Fid-19 ta' Settembru, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li, għall-perijodu mill-25 ta' Settembru 2007 sal-31 ta' Awwissu 2010, it-tlettax-il imħallef li jiffurmaw l-Awla Manja skond l-Artikolu 10(1) tar-Regoli tal-Proċedura ikunu l-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza, is-seba' presidenti ta' awla minn awli li lilhom ma tkunx ġiet assenjata l-kawża u l-imħallfin ta' l-awla estiża li kienu jippresjedu fil-kawża in kwistjoni li kieku l-kawża kienet ġiet assenjata lil awla komposta minn ħames imħallfin.

Seduta plenarja

(2007/C 269/72)

Fit-2 ta' Ottubru 2007, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet, skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 32(1) tar-Regoli tal-Proċedura li jekk, wara l-ħatra ta' avukat ġenerali skond l-Artikolu 17 tar-Regoli tal-Proċedura, in-numru ta' mħallfin ikun biż-żewġ fis-seduta plenarja tal-Qorti tal-Prim'Istanza, il-lista stabbilita minn qabel, applikabbli matul il-perijodu ta' tliet snin li għalih jiġu eletti l-Presidenti ta' l-Awli komposti minn ħames imħallfin, li biha l-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza jaħtar l-imħallef li mhuwiex ser jieħu sehem fl-għoti tad-deċiżjoni fuq il-kawża, tkun f'ordni oppost għall-preċedenza li l-imħallfin jingħataw skond l-anzjanità fil-kariga tagħhom kif stabbilit fl-Artikolu 6 tar-Regoli tal-Proċedura, ħliet jekk l-imħallef hekk maħtur ikun l-imħallef relatur. F'dan l-aħħar każ, ikun l-imħallef li jiġi minnufih qablu fl-ordni ta' preċedenza li jinħatar.